# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

### IMHALLEF

### ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001

**Numru 92**
**Citaz. numru 1314/88 DS**

Paul Bugeja
vs
Michael Soler bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Development Corporation, u b'nota tat-13 ta' Settembru 1991 il-Professur Joseph Bannister assuma l-atti tal-kawza flok Michael Soler fl-istess rapprezentanza

Illum, 30 ta' Marzu 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata fil-21 ta' Dicembru 1988 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi b'kuntratt datat ghaxra (10) ta' Marzu 1987, il-Malta Development Corporation impjegat lill-attur bhala handyman ghal xoghol fil-Libja, ghal zmien totali ta' tnejn u hamsin gimgha b'effett mis-26 ta' Marzu 1987, b'salarju ta' tlett mitt lira (Lm300) fix-xahar u bil-kundizzjonijiet l-ohra kif jidhru fl-annessa kopja tal-kuntratt markata dokument "A";

Illi skond klawsola sebgha' (7) tal-istess kuntratt ta' impjieg l-istess ftehim jiggedded awtomatikament ghal perijodi ohra ta' tnejn u hamsin gimgha kull darba sakemm ebda parti ma taghtix preavviz li ma tridx iggedded tlett xhur qabel jaghlqu it-tnejn u hamsin gimgha;

Illi effettivament l-istess kuntratt gie mgedded ghal perjodu iehor ta' tnejn u hamsin gimgha b'effett mis-26 ta' Marzu 1988;

Illi fil-bidu ta' Ottubru 1987, l-attur waqt xoghol fuq "sewage plant" fil-Libja, marad serjament b'marda konnessa max-xoghol u li ha waqt ix-xoghol, li b'kagun taghha kellu jassenta ruhu xi gimghat mix-xoghol;

Illi l-Malta Development Corporation tkopri lill-impjegati kollha bhall-attur b'assigurazzjoni kemm ghall-mard kif ukoll ghal danni b'rizultat ta' dizabilita' kemm temporanja kif ukoll permanenti, u f'kull kaz l-attur ghandu dritt ghall-hlas tal-paga matul il-perjodu li ghamel marid bil-marda li ha minn fuq ix-xoghol;

Illi l-attur talab il-hlas u l-kumpens dovut lilu bil-kuntratt kif ukoll bil-ligi u dan kemm personalment – inkluz bil-miktub b'ittra datata 5 ta' April 1988 – kif ukoll permezz ta' ittra legali fit-3 ta' Gunju 1988; Ghaz-zewg ittri ircieva biss "acknowledgement", izda ebda risposta, anzi wara l-ittra

legali, il-Malta Development Corporation unilateralment u minghajr raguni valida fil-ligi itterminatlu l-impjieg bla ebda avviz u bla kumpens;

Illi bil-ligi l-attur ghandu dritt ghal nofs il-hlas tal-paga mit-terminazzjoni tal-impjieg sal-25 ta' Marzu 1989 meta jiskadi t-terminu kontrattwali kif ukoll ghal hlas tal-paga ghaz-zmien li ghamel assenti mix-xoghol minhabba l-marda li ha fuq ix-xoghol u paga shiha wkoll sad-data tat-terminazzjoni unilaterali tal-impjieg tieghu;

Illi inoltre billi taht klawsola erbatax (14) tal-kuntratt ta' xoghol il-Malta Development Corporation kienet izzomm hamsa fil-mija tas-salarju tal-attur bl-obbligu li troddhomlu lura fit-tmiem il-kuntratt, l-attur ghandu dritt ukoll ghar-rimbors tal-ammonti kollha mizmuma taht din il-klawsola.

talab lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala dovuta mill-konvenut nomine b'kumpens, bhala paga jew sickness benefit ghaz-zmien li l-attur ghamel assenti mix-xoghol imhabba l-mard kkuntrattat fuq ix-xoghol stess kif fuq inghad.

2. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma li tigi likwidata bhala dovuta mhabba t-terminazzjoni unilaterali qabel iz-zmien tal-kuntratt ta' impjieg da parti tal-istess konvenut nomine, konsistenti f'nofs il-paga dovuta mid-data tat-terminazzjoni imsemmija sal-25 ta' Marzu 1989 meta jiskadi l-kuntratt.

3. tikkundanna wkoll lill-istess konvenut nomine ihallas u jirrimborsa lill-attur kull somma li tirrizulta li giet ritenuta minnu taht klawsola erbatax (14) tal-kuntratt ta' impjieg kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut nomine li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament, dwar l-ewwel talba tal-attur, il-konvenut nomine mhux il-legittimus contradictor u dan a terminu ta' klawsola 16 tal-kuntratt tax-xoghol tal-attur li jistipula li kull pretensjoni tax-xorta ta' dik vantata mill-attur ghandha tigi rivolta lejn is-socjeta' assikurattrici ta' tali riskji. Illi ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju dwar din it-talba.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, it-tieni u t-tielet talba tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li a terminu ta' klawsola 18 tal-kuntratt tax-xoghol tieghu ix-xoghol tal-attur gie terminat mill-klijent Libjan, u l-attur m'ghandu l-ebda dritt ghall-kumpens ta' kwalunkwe xorta.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tad-9 ta' Novembru 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala perit legali biex ifittex u

jirrelata wara li jiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-22 ta' Gunju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien beda jahdem mal-Korporazzjoni konvenuta permezz ta' kuntratt definit ta' xoghol ta' l-10 ta' Marzu 1987 li kien effettiv mis-26 ta' Marzu 1987 ghal perijodu ta' 52 gimgha li jiggedded awtomatikament ghal perijodi ohra ta' 52 gimgha kull darba sakemm ma jinghatax avviz kuntrarju skond kif provdut fil-klawzola numru sebgha (7) tal-kuntratt (ara kopja a fol. 6 sa 12 u kopja ohra a fol. 26 sa 32). Mhuwiex kontestat li dan il-kuntratt kien fis-sehh meta l-Korporazzjoni konvenuta tterminat l-impieg ta' l-attur. Difatti jirrizulta li hadd mill-kontraenti ma ta prevviz li ma jridx igedded il-kuntratt u ghalhekk fl-iskadenza ta' l-ewwel perijodu definit ta' 52 gimgha, cioe` mis-26 ta' Marzu 1987 sal-25 ta' Marzu 1988, il-kuntratt iggedded awtomatikament ghal 52 gimgha ohra, cioe` mis-26 ta' Marzu 1988 sal-25 ta' Marzu 1989.

Mix-xiehda ta' l-attur jidher li huwa marad proprju ghaliex fil-Libja kien jahdem litteralment fil-hmieg, f'kundizzjonijiet mill-aghar, u minghajr mezzi adegwati biex iharsuh milli jittiehed minn mard relatat max-xoghol li kien jaghmel. Is-sintomi tal-marda tieghu kienu principalment deni gholi, ugiegh ta' ras qawwi u sturdament. Kien jaqbdu wkoll il-hakk.

Kemm l-attur kif ukoll ix-xhud Joseph Attard irriferew ghan-nuqqas ta' facilitajiet ghall-hasil, l-assenza totali ta' mezzi trasport decenti ghall-kazi ta' emergenza, l-assenza ta' lbies protettiv u l-prezenza ta' grieden fil-kcina; dawn l-ilmenti ma gewx kontradetti mill-Korporazzjoni konvenuta. Tajjeb ghalhekk osserva l-perit legali li dawn il-fatti ghalhekk ikomplu jsostnu l-kovinciment li l-harsien tas-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol ghandha fil-konkret tinghata prijorita` assoluta fuq kull konsiderazzjoni ohra – tkun xi tkun.

Mario Giuliano xehed li l-Korporazzjoni saret taf bil-marda ta' l-attur ghall-ewwel darba meta l-attur beda jassenti ruhu mix-xoghol fl-20 ta' Ottubru 1987. Jirrizulta mill-ittra ta' l-attur Dok. B a fol. 15 li din kienet id-data meta l-attur gie lura Malta. Skond l-istess xhud, fic-certifikat mediku tal-31 ta' Ottubru 1987 li rceviet il-Korporazzjoni minghand l-attur jinghad li kellu *fever under investigation*. Mill-imsemmija ittra Dok. B jirrizulta li bejn il-31 ta' Ottubru 1987 u s-6 ta' Novembru 1987 l-attur kellu jigi rikoverat l-Isptar. Dan huwa kkonfermat mic-cerifikat Dok. 1 esebit mill-attur waqt seduta peritali. Huwa rega' gie rikoverat bejn it-12 ta' Novembru 1987 u t-18 ta' Novembru 1987 kif jirrizulta wkoll mic-certifikat mediku Dok. 2 esebit ukoll mill-attur. L-attur irritorna l-Libja fit-30 ta' Novembru 1987.

M'hemmx dubju li l-Korporazzjoni konvenuta kienet taf bil-marda ta' l-attur *a tempo debito* u hija ma pprevalixxietx ruhha minn dak li kienet tiddisponi l-klawzola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' xoghol u ghalhekk, kif korettement jirrimarka l-perit legali, meta dahal fis-sehh il-kuntratt ghall-perijodu bejn is-26 ta' Marzu 1988 u l-25 ta' Marzu 1989, hija kienet qed taccetta lill-attur kif inhu u fil-kondizzjoni ta' sahha li

kien, kondizzjoni li kienet a konoxxenza tad-dirigenti taghha, konfermata minn provi medici u indikattiva li l-attur seta' marad fuq ix-xoghol.

Minn ezami akkurata tal-provi li ghamlet il-Qorti, waslet ghall-istess konkluzjoni li wasal ghaliha l-perit legali, u cioe` li l-assenza ta' l-attur mix-xoghol waqt it-tieni sena tal-kuntratt kienet gustifikata mill-persistenza tal-marda li kien ha meta kien fl-impieg mal-Korporazzjoni konvenuta fil-Libja u dan waqt it-twettieq tad-dmirijiet assenjati lilu.

Il-perit legali mbaghad ghadda biex jaghmel xi konsiderazzjonijiet ta' dritt applikabbli ghall-kaz in ezami u rrefera  ghal xi provvedimenti tal-Kap 135:

"Skond l-Art. 34 (11), *"an employer who dismisses an employee before the expiration of the time definitely specified by a contract of service shall pay to the employee one-half of the full wages that would have accrued to the employee in respect of the remainder of the time specifically agreed upon."*

Skond l-Art. 34 (14) *"an employer may dismiss the employee…without giving notice and without any liability to make payment as provided in subsections …(11)… If there is a good and sufficient cause for such dismissal…"*

Il-kazi segwenti mhumiex *a good and sufficient cause:-*

- *That the employee at the time of the dismissal was a member of a trade union.*

- *Except in the case of a private domestic employee, that the employee no longer enjoys the employer's confidence.*
- *That the employee contracts marriage.*
- *That a female employee is pregnant with child.*
- *That the employee is suspended from attending to his work by virtue of an order made in pursuance of the provisions of Sec. 13 of the Prevention of Disease Ordinance.*

Il-Qorti taqbel li l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz jeskludu li l-Korporazzjoni konvenuta tista' timputa *good and sufficient cause* bhala raguni ghat-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xoghol definit tal-attur. Hija kellha kull opportunita' tikkontrolla l-assenza tal-attur permezz tat-tobba taghha pero' dan ma sarx. Kienet fid-dmir tinvestiga c-cirkostanzi ghala marad l-attur u jekk tali cirkostanzi kinux dovuti ghal nuqqas ta' mizuri ta' prevenzjoni ta' mard fuq il-post tax-xoghol. Jidher li l-Korporazzjoni konvenuta ma ghamlet xejn minn dan u skarikat kollox fuq il-Libjani ghaliex ix-xoghol kien qed isir taht il-kontroll taghhom. Pero' b'differenza wahda: li l-haddiema kienu taht kuntratt tax-xoghol maghha u ghalhekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kellhom kull jedd iduru fuq il-Korporazzjoni konvenuta biex isostnu l-pretenzjonijiet taghhom. Fic-cirkostanzi l-attitudni tal-Korporazzjoni konvenuta fil-kwistjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur ma jissodisfax it-test ta' dak li huwa ragonevoli (*reasonable*) kriterju ta' importanza kardinali fil-kamp tar-relazzjoni bejn l-impjegat u l-principal.

Il-perit legali ghamel xi osservazzjonijiet ukoll dwar l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta:

Dwar l-ewwel eccezzjoni qal li din mhix sostenibbli. L-azzjoni tal-attur saret korrettament kontra l-Korporazzjoni konvenuta. Hija azzjoni *ex contractu* bazata fuq il-kuntratt tax-xoghol tal-attur mal-Korporazzjoni konvenuta li huwa *res inter alios acta* bejn l-istess attur u l-Korporazzjoni konvenuta, f'liema kuntratt l-assikurazzjoni li kienet qed taghti kopertura lill-Korporazzjoni konvenuta ma kenitx parti u ma tista' qatt tkun il-legittimu kontradittur. Inoltre il-klawsola 16 tal-kuntratt tax-xoghol citata mill-Korporazzjoni konvenuta in sostenn tal-eccezzjoni taghha ma tapplikax ghall-kaz in ezami stante li dan mhux kaz ta' korriment jew mewt ta' impjegat fuq il-post tax-xoghol izda kaz ta' mard kontrattat mill-impjegat fuq ix-xoghol. Jidher car mid-dicitura tal-klawsola li l-Korporazzjoni konvenuta intrabtet li tassikura lill-impjegat *for accidental death, dismemberment, injury and injury to third parties* mhux ghal mard industrijali. Dan gie konfermat indirettament minn Mario Giuliano fix-xhieda tieghu meta stqarr li kull meta l-MDC ghamlet claim lill-assikurazzjoni dwar mard industrijali dejjem qalulha li ma kienx hemm kopertura.

Dawr it-tieni eccezzjoni kkonkluda li din ukoll mhix sostenibbli. L-impjieg tal-attur kien terminat mill-Korporazzjoni konvenuta. Seta' kien hemm talba mill-klijent Libjan pero' l-ahhar kelma kienet tal-Korporazzjoni konvenuta ghaliex maghha l-attur kellu relazzjoni guridika mhux mal-klijent Libjan. Inoltre l-kazi indikati fil-klawzola 18 ma jikkontemplawx li l-klijent Libjan jista' jtemm l-impjieg tal-attur u ma setax ikun mod iehor ghaliex kif diga gie rilevat il-kuntratt jorbot lill-attur u lill-Korporazzjoni konvenuta.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament korrett tal-fatti u tal-ligi kif applikabbli ghall-mertu tal-kaz u inoltre taqbel ma' l-

osservazzjonijiet li ghamel dwar l-eccezzjonijiet imsemmija u l-konkluzjoni li mhumiex sostenibbli. Ghaldaqstant il-Qorti se tghaddi ghal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attur.

L-attur qieghed jippretendi Lm1439.56 bhala nofs paga bejn is-6 ta' Gunju 1988 u l-25 ta' Marzu 1989 (b'kollox 292 gurnata), Lm601 bhala paga shiha bejn il-5 ta' April 1988 u l-5 ta' Gunju 1988 (b'kollox 61 gurnata), u Lm173.27 bhala *retention money* li zammet il-Korporazzjoni.

Is-somma ta' Lm1439.56 hi dovuta in forza ta' dak li jipprovdi l-artikolu 34(11) tal-Kap 135 sucitat. Is-somma ta' Lm601 hi dovuta ghax tirrapprezenta l-paga li ma thallsitx sad-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attur. Is-somma ta' Lm173.27 hi dovuta peress li l-Korporazzjoni konvenuta ma kellha l-ebda raguni zzomm dan l-ammont. Ghalhekk il-pretenzjoni attrici ghal Lm2214.29 hi gustifikata.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur is-somma likwidata ta' Lm2214.29 kif fuq spjegat bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni konvenuta.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur